# Ħallini nduq il-benna

Naf li moħħok ġera ġirja bik
X’għamilt mill-imħabba l’hemm fik?
Ħabbatlek Ġesù l-ħabbata
Kien hemm bżonn tagħti ċamata?

Wiċċek dejjem mikgħud u mqarras
Għejjiek moħħok, tħossok mqassqas?
Bejn trid temmen u ma tistax
Kemm ili nafek ma tafdax.

Naf li int priġunier ta’ moħħok
Aħjar minhekk int jistħoqqlok.
Ħija inti trid tagħmlu l-pass
Ara ħajtek kollha frakass.

Ngħidlek biss għas-snin li baqagħlek
Wara li qiegħed jaqa’ xagħarek.
U sninek magħduda għat-tmiem
O Kemm nixtieqek tgħix fis-sliem.

Se nibqa’ nitlob għalik kuljum
Ħa tinħeles minn dak l-irdum.
Li ma jafx b’maħfra w mogħdrija
U qed jitfgħek f’ferneżija.

Ħalli l-moħħok tirann w suspettuż
Avolja pinġiek ta’ gustuż.
Aqbad it-triq tal-kbir ħelsien
Li teħilsek mill-kiefer jien.

Bħala ħuk lilek nakkumpanja
Sakemm tidħol fik il-għanja;
Ta’ l-umiltà li tistenna
Ħi ħallini nduq il-benna.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta’ Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.